**18 ta' Mejju, 1964.**

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor T. Gouder, LL.D.,**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Spiridione Debono, et.

versus

Giuseppe Debono.

**Divizjoni — Konferimenti —**

*Każ fen l-ulied ġew eżentati milli jikkonferixxu dak li kienu irċevew mill-ġenituri. Ġie ritenut li dawk l-ammonti kienu ġew mogħtija lill-ulied biex jiġu kompensati għal-fatt li ħuthom l-oħra kienu qegħdin jieħdu għalihom il-qligħ tagħhom, nonostanti li kienu għadhom jgħixu fid-dar ta' missierhom.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi fl-għoxrin (20) ta' Ottubru, 1939, mietet intestata Caterina Debono (omm il-kontendenti) u għalhekk l-eredita tagħha għaddiet fi kwoti ugwali fuq it-tmien uliedha l-kontendenti; u illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru, 1954 miet George Debono (missier il-kontendenti), li b'testment tal-ħamsa (5) ta' April, 1940 in atti Angelo Cachia istitwixxa eredi tiegħu lill-konvenuti (barra Giuseppe Debono) u rriserva favur l-atturi u l-konvenut Giuseppe Debono l-leġittima skond il-liġi; u billi l-atturi ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-konvenuti u jridu l-likwidazzjoni u pagament anki tal-leġittima, talbu li:

(a) tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-ġenituri tal-kontendenti l-imsemmija Caterina u George konjuġi Debono, konsistenti fl-attiv u passiv li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

(b) il-komunjoni hekk likwidata tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lill-assi partikolari ta' Caterina Debono u l-oħra lill-assi partikolari ta' Giorgio Debono.

(c) jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-imsemmija Caterina Debono konsistenti fis-sehem lilha assenjat mill-komunjoni ta' l-akkwisti u f'dak l-attiv u passiv li jiġu

pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża.

(d) l-assi ta' Caterina Debono hekk likwidat jiġi diviż fi tmin parti ugwali assenjabbli lil kull wieħed u waħda mill-kontendenti u lilhom assenjati.

(e) jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-imsemmi Giorgio Debono, konsistenti fis-sehem lilu assenjat mill-komunjoni ta' l-akkwisti u f'dak l-attiv u passiv li jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża.

(f) tiġi likwidata l-leġittima spettanti lil kull wieħed mill-atturi mill-assi hekk likwidat ta' Giorgio Debono, bil-frutti u mgħax skond il-liġi.

(g) il-kwoti ta' leġittima hekk likwidata jiġu assenjati lil kull wieħed mill-atturi.

(h) jiġu nominati, jekk ikun hemm bżonn, periti ħalli jeffettwaw il-likwidazzjonijiet, Nutar ħalli jippubblika l-kuntratt neċessarju u kuratur ħalli jirrappresentaw il-kontumaċi; b-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu, 1955.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu li huma ma jopponux ruħhom li jsiru l-likwidazzjonijiet u diviżżjonijiet mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni.

. . . omissis . . .

Rat is-sentenza ta' l-istess Qorti tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, 1964 li biha iddeċidiet il-kawża billi ddikjarat (1) li l-assi soċjali konjugali ġa eżistenti bejn Caterina u Giorgio Debono jikkonsisti fil-beni kollha ndikati fl-attiv tiegħu kif likwidat.

. . . omissis . . .

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti Giovanna, Carmela, Antonia mart Spiro Zammit minnu assistita u Giovanni aħwa Debono u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi revokata in kwantu ddikjarat li huma għandhom jikkonferixxu l-ammonti minnhom riċevuti waqt il-ħajja tal-ġenituri tagħhom kif imsemmi fil-petizzjoni u in kwantu ġew stabbiliti l-ammonti tal-konsistenza ta' l-assi soċjali konjugali ġja eżistenti bejn Caterina u Giorgio ġa miżżewġin Debono, ta' l-assi partikolari ta' Caterina Debono, ta' l-assi partikolari ta' Giorgio Debono u tal-leġittima li għandha tiġi segregata u mħallsa u il-leġittimarji mill-assi ta' Giorgio Debono fl-ammonti ndikati mill-ewwel Qorti, billi jiġi għall-kuntrarju deċis 1) li huma ma għandhomx jikkonferixxu fl-assijiet in kwistjoni ebda ammont għaliex l-ammonti li huma irċevew kienu flushom stess li ħadmu għalihom;

. . . omissis . . .

Rat ir-risposta ta' l-attur Carmelo Debono li qal illi l-appell hu nfondat u s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma.

Rat ir-risposta ta' l-atturi l-oħra Spiridione u Antonio aħwa Debono li wkoll qalu li l-appell għandu jiġi miċħud.

Rat l-atti kollha, tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:

L-unika kwistjoni f'dan l-appell tirrigwarda l-konferiment tal-flus li l-appellanti rċevew fil-ħajja tal-ġenituri tagħhom. L-appellanti jidhrilhom illi ma għandhomx jikkonferixxu il-ħames mitt lira (£500) kull waħda li ġew

hekk riċevuti minn Giovanna, Carmela u Antonia mart Spiro Zammit, aħwa Debono, u l-erbgħa mitt lira (£400) riċevuti minn ħuhom Giovanni Debono, u dan għar-raġuni illi dawk il-flus kienu tagħhom stess, provenjenti mix-xogħol tagħhom fin-negozzju li l-qliegħ tiegħu kien jiġi konsenjat lill-missierhom Giorgio Debono, u, għalhekk, il-likwidazzjoni ta' l-assijiet in kwistjoni u l-kalkolu tal-leġittima magħmulin fis-sentenza appellata għandhom jiġu riformati.

Il-Perit legali nominat mill-ewwel Onorabbli Qorti wasal għall-konklużżjoni illi dawk l-ammonti kollha kienu konferibili. kwantu għal dawk riċevuti mit-tlett nisa fl-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti u kwantu għal dak riċevut minn Giovanni Debono fl-assi partikolari ta' l-missier. Hu ġie għal din il-konklużżjoni għaliex deherlu illi mill-provi kien jidher illi fil-familja l-ulied kollha kienu, kulħadd skond il-kapaċità u l-attitudini tiegħu, jaħdmu għall-missier li kien iqassam x'jieħu wieħed u x'jieħu l-ieħor. Bħala kap tal-familja kien iqassam hu x-xogħol u d-distribuzzjoni tal-qliegħ għal-bżonnijiet presenti u futuri tal-familja u l-flus in kwistjoni ġew imġemmgħin mill-qliegħ ta' kulħadd.

Din il-konklużżjoni tal-perit legali ġiet kritikata biss mill-appellanti Giovanna u Carmela aħwa Debono li, fin-nota tagħhom, issottomettew illi ż-żewġ sommom ta' ħames mitt lira (£500) l-waħda li kienu ġew depositati f'isimhom ma kellhomx jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tal-ġenituri tagħhom għaliex dawk kienu flus li tawhom ħuthom Giuseppe u Spiridione biex jikkompensawhom tax-xogħol tagħhom.

Rigward il-ħames mitt lira (£500) riċevuti mill-appellanti Antonia Zammit u l-erbgħa mitt lira (£400) riċevuti

mill-appellant Giovanni Debono, ma jidherx mill-proċess li saru ebda appunti għall-konklużżjoni fuq imsemmija tal-Perit legali, almenu bil-miktub.

L-ewwel Onorabbli Qorti adottat l-imsemmija konklużżjoni rigward l-ammonti kollha u dana, apparti mill-kunsiderazzjonijiet rilevati mill-Perit Legali, in vista tas-sitwazzjoni ekonomika pekuljari li fiha kienet tgħix il-familja Debono u tat-trattament preferenzjali tal-missier favur l-appellanti fit-testment tiegħu li bih wera li hu kien iħoss illi għad ma rrikompensax lil dawk uliedu u li minn dan għandu jiġi inferit li hu kien jirritjeni li l-ammonti in kwistjoni kienu għadhom tiegħu tant li ħlief għall-ammont ta' l-appellanti Antonia Zammit, semmihom fl-assi ta' martu meta għamel id-denunzja tas-suċċessjoni tagħha.

Din il-Qorti, wara li ħasbet sewwa, tħoss illi fiċ-ċirkostanzi verament pekuljari ta' dan il-każ, l-ilment ta' l-appellanti għandu jiġi esawdit;

Wieħed mill-appellati, ċioe Giuseppe Debono, li kien konvenut fil-prim' istanza, iddikjara quddiem din il-Qorti illi għal dak li hu l-interess tiegħu, jirrikonoxxi l-fondatezza ta' l-ilment ta' l-appellanti. Dan jimporta, għal dak li jirrigwarda lilu, ammissjoni tal-pretensjoni ta' l-appellanti u 'pro tanto' rinunzzja għall-effetti tas-sentenza appellata dwar l-ammonti issa in kwistjoni li bilfors u fi kwalunkwe każ timporta riforma fis-sentenza appellata.

Iżda, fil-fehma tal-Qorti, ir-rikonoxximent tal-ġustizzja ta' l-pretensjoni ta' l-appellanti da parti ta' Giuseppe Debono għandu mportanza riflessa oltre l-interess tiegħu nnifsu u dan għaliex hu kien wieħed mix-xhieda prinċipali f'din il-kawża u x-xhieda tiegħu titfa dawl qawwi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari li jiddistingwu dan il-każ u juru l-

kondizzjonijiet li fihom u l-iskop li għalih sar l-allokament tal-flus in kwistjoni favur l-appellanti.

Fil-familja kien hemm tmien ulied u kollha, minn ċkunithom, kienu jaħdmu fid-dar u fin-negozzju tal-missier, kulħadd skond l-età u l-abilità tiegħu u l-flus kienu kollha jiġu mogħtija lill-missier. Iżda ġie mument — u dan kien diversi snin qabel mietet l-omm — meta s-subien il-kbar, ċioe Spiridione u Giuseppe xtaqu li jibdew jaħdmu għalihom infushom, għaliex, kif xehed Spiridione Debono "ma riedx li, jekk jinqala aċċident lill-missieru jew lill-ommu, jidħol il-Gvern fuq tagħhom ukoll. Allura riedu jieħdu dak li jaqilgħu".

Lill-missier ma għoġbitux l-idea illi jibdew jaħdmu għalihom infushom it-tenjn il-kbar biss. Hu ried jassigura li fost it-tfal **kollha** tinżamm ċerta ugwaljanza, l-aktar għaliex in-negozzju kien trawwem u ġie l-quddiem bix-xogħol tiegħu u **bl-għajnuna ta' kulħadd**, u s-subien kienu ser jkollhom il-vantaġġ li jibdew jaħdmu bi profitt għalihom f'negozzju ġa hekk imrawwem u bi klientela ġa kreata. Allura l-missier deherlu li kien ġust illi l-arranġament li l-ulied jieħdu għalihom dak li jaqilgħu kellu jgħodd għas-subien kollha (minn barra, kif ser jingħad għaż-żgħir nett fosthom Giovanni) mill-istess data. Sa kemm tasal dik id-data hu ried, appuntu biex ilkoll jibdew minn pjan ta' ċerta ugwaljanza, illi għal xi żmien is-subien il-kbar jaħdmu għall-bniet sa kemm iġemmgħulhom ċertu ammont biex jikkumpensawhom tax-xogħol u għajnuna li huma kienu taw finnegozzju li bih l-istess subien kien ser jiġu nvestiti għall-qliegħ tagħhom. Fil-waqt illi dawk is-subien kienu ser jassikuraw dak il-qliegħ għalihom infushom, l-ugwaljanza bejn l-ulied kollha, fil-punto di partenza ta' l-arranġament maħsub mill-missier, kollha tkun stabbilita billi dawk is-

subien il-kbar ipoġġu sommom apparti mill-qliegħ tagħhom sa dak inhar, għaf-favur tal-bniet. Spiro Debono xehed: "Missieri meta ddeċieda li aħna nieħdu li naqilgħu ddeċieda għal kulħadd u tagħna l-istess dota lkoll. Jiena pprotestajt għax deherli li ż-żgħar kienu gawdew iktar minnha, skola u manteniment u kienu ser jibdew jieħdu l-qliegħ tagħhom magħna allavolja aħna konna ħdimna bosta snin għall-familja: Missieri baqa bl-istess idea li kulħadd jieħu li jaqla".

Dan l-arranġament donnu jidher li beda xi disa jew għaxar snin qabel mietet l-omm, ċioe għall-ħabta ta' l-1930 jew l-1931. Minn dak iż-żmien l-appellanti bdew iżommu l-qliegħ tagħhom għalihom infushom **għad li kienu fid-dar mhux miżżewġa,** fil-waqt li l-appellanti ma tul anki dak iż żmien **baqgħu jaħdmu fid-dar u fin-negozzju tal-missier bla ma jirċievu ebda ħlas jew qliegħ.**

Kemm kien redditizzju n-negozzju li l-missier ċeda lill-appellati biex jibdew jaħdmu bi qliegħ tagħhom infushom jidher mix-xhieda ta' l-istess appellati Spiridione u Giuseppe Debono. F'disa snin, sa kemm iżżewweġ, Spiridione Debono, xehed li **faddal elfejn lira (£2,000).** Ma tul l-istess żmien Giuseppe Debono xehed li kien **faddal xi elf lira (£1,000).** Ma jirriżultax kemm faddlu f'dak iż-żmien l-appellati l-oħra iżda wieħed għandu jippreżumi illi anki l-qliegħ tagħhom kien ta' entità raggwardevoli.

Intant, kif ġa ntqal, waqt illi l-appellati kienu qegħdin ifaddlu dawn il-flus f'isimhom, għad li kienu għadhom jgħixu fil-familja, l-appellanti baqgħu jaħdmu fin-negozzju tal-missier u fid-dar u saħansitra jgħinu anki lill-appellati għan-negozzju tagħhom bla ma jfaddlu xejn għalihom infushom, ħlief dak li, kif ġa ssemma, kien ġa ġie mwarrab

f'isemhom bħala kundizzjoni biex l-arranġament magħmul mill-missier u aċċettat mis-subien il-kbar beda jseħħ.

Mix-xhieda kollha jidher illi s-sommom li tqiegħdu f'isem il-bniet kienu iġġemmgħu minn parti mill-qliegħ li kienu allokaw speċifikament għalihom is-subien, speċjalment Spiridione u Giuseppe. "Missieri kien iqegħdilna l-flus li kienu jagħtuh ħuti fil-Bank u oħti meta żżewġet sabet ħames mitt lira. Jiena u l-oħrajn il-bniet sibna l-istess. Dawn ħuti l-kbar huma Giuseppe u Spiro;" hekk xehdet Giovanna Debono. Spiridione Debono xehed: "Missieri lilna l-kbar kien qalilna biex naħsbu għall-bniet dment li konna għadna naħdmu għad-dar". Giuseppe Debono xehed: "Fid-dar kullħadd, talli kien kien jaħdem. Imbagħad missieri rranġa pjan ċioe li Spiru u jiena, s-subien il-kbar, minn kull tlett liri (£3) li naqilgħu, nagħtu waħda lill-ħutna ż-żgħar subien jew lill-Ninu jew lill-Karmenu. Għall-bniet konna diġa ħsibna u domna sentejn naħdmu u nfaddlu għalihom. F'dawk is-sentejn ħdimna għalihom biss u mhux għalina tant li konna nagħtu l-qliegħ lill-missieri għall-bniet kif ried hu." Antonia Zammit xehdet: "Missieri tagħni dota ħames mitt lira (£500) ċioe tawhomli ħuti. Ħuti taw il-ħames mitt lira (£500) lill-missieri u missieri tahom lili. Ħuti dejjem jgħidu illi kienu ħadmu għalina qabel ma bdew jaħdmu għar-rashom. Dawn huma Spiro u Giuseppe".

Dana kollu juri illi l-flus in kwistjoni, depożitati f'isem l-appellanti nisa, ma kienux "donazzjoni" magħmula mill-missier jew mill-omm li hija konferibbli fl-assi tagħhom. iżda kienu, kif ġa ntqal, parti mill-arranġament li l-missier kien ipproġetta biex Spiridione u Giuseppe jikkompensaw b'xi mod lill-ħuthom l-oħra qabel ma jibdew iżommu għalihom infushom il-qliegħ li kienu ser jibdew jagħmlu minn negozzju li biex trawwem u kiber kienu ikkoperaw dawk

ħuthom l-oħra wkoll.

Il-Qorti jidhrilha illi ġa la darba dan kellu jkun l-arranġament miftehem u f'dak iż-żmien aċċettat mill-appellati, ma jkunx ġust li issa dak l-istess arranġament jiġ għal kollox stultifikat billi jitqies illi l-flus allura allokat lill-appellanti nisa, jitqiesu li jappartienu lill-assi tal-ġenituri b'mod illi dawk l-appellanti jkunu mġgħela jġibuhom lura jew jimputawhom għal sehemhom. Dan ikun doppjament inġust, għaliex fil-waqt illi l-appellati żammew għalihom dak kollu li qalgħu wara dak l-arranġament għad illi għal diversi snin huma kienu għadhom fid-dar, l-appellanti jkollhom jikkonferixxu anki favur tagħhom dak li rċevew bħala 'quid pro quo' ta' l-arranġament, għad illi huma baqgħu jaħdmu fid-dar u jgħinu fin-negozzju tal-ġenituri tagħhom bla ebda ħlas u b'dan il-mod bix-xogħol u l-qliegħ tagħhom komplew jakkrexxu l-assi tal-ġenituri tagħhom li minnu ser jieħdu sehem ukoll l-istess appellati:

Kienet ċertament din l-inġustizzja, fil-fehma tal-Qorti pależi, u, sa ċertu punt, il-ksur involut fiha tal-bona fede ta' l-arranġament bosta drabi fuq imsemmi, illi nduċew lill-appellat Giuseppe Debono li jirrikonoxxi l-fondatezza ta' l-ilment ta' l-appellanti: hu, Giuseppe Debono, li appuntu kien wieħed miż-żewġ subien il-kbar li flimkien ma iieħor Spiridione kien aċċetta dak l-arranġament u ħadem biex iġġemmgħu dawk il-flus għal dan l-iskop preċiż illi jeħduhom il-bniet, biex kulħadd ikun ħa xi ħaġa qabel ma l-irġiel jibdew jaqilgħu u jfaddlu għall-rashom, ma jistgħux, l-appellati dak li allura taw b'id waħda bis-saħħa tal-ftehim jieħduh bl-id l-oħra.

Kwantu għall-erba mitt lira (£400) li rċeva l-appellant Giovanni Debono s-soluzzjoni forsi m'hix daqshekk ovvja daqs dik rigwardanti s-sommom depożitati f'isem it-tliet

appellanti nisa. Iżda l-Qorti tirritjeni illi anki rigward Giovanni Debono hemm ukoll raġunijiet biżżejjed biex jingħad illi anqas dak l-ammont ma hu konferibbili. Fil-waqt illi s-subien l-oħra kollha kienu qegħdin iżommu dak li jaqilgħu għalihom għad li kienu għadhom fid-dar Giovanni Debono baqa' jagħti dak kollu li kien jaqla lill-missieru sa kemm iżżewweġ. Hu xehed, mhux kontraddett: **"Missieri dejjem jgħidilna: 'Huma għalihom, ċioe l-atturi u Giuseppe, u aħna, jiena u n-nisa għalina' u għalhekk li qlajna tajnihulu. Jiena iżżewwiġt ta' 21 sena . . . . meta iżżewwiġt missieri tagħni erba' mitt lira (£400) milli tajtu. Meta bdejt naħdem sewwa, fl-1939, qabel mietet ommi, kont nagħtih il-flus tan-negozzju. Domt xi tlett snin naħdem għalija u nagħtih. Jien kont nagħti lill-missieri li ndaħħal u hu kien jipprovdili l-merkanzija. B'dan il-mod ma kontx naf x'naqla. Imbagħad mort naħdem mal-Militar fl-1940 u bdejt naqla bejn ħames liri (£5) u sebgħa liri (7) fil-ġimgħa li kont nagħti lill-missieri. Domt sa kemm iżżewwiġt fl-1944." Dan voldieri illi, sa kemm iżżewweġ, hu, għad li kien ġa ilu xi snin jaħdem għar-rasu, b'dana kollu ma kienx bħall-appellati, skond l-arranġament fuq imsemmi, iżomm dak li jaqla għalih: saħansitra lanqas kien iżomm għalih dak li qala bħala paga minn impieg. Kien għalhekk illi, meta ġie biex jiżżewweġ missieru, biex anki hu ikun qiegħed fuq livell** ta' parita raġonevoli ma ħutu l-oħra kollha, irrestitwilu parti minn dak li kien tah fl-ammont ta' erba' mitt lira (£400). B'dan il-mod it-trattament ta' ċerta ugwaljanza għall-kulħadd ġie kompletat. Giovanni ħa dawk l-erba' mitt lira (£400). Il-bniet ħadu ħames mitt lira (£500) kull waħda. Kull wieħed mit-tfal l-oħra ħa dak kollu li kien ġemma mill-qliegħ tiegħu li, kif ġa ntqal, kien wisq aktar minn dak li ħadu tant Giovanni kemm in-nisa, u dana talli kienu akbar u kienu għalhekk ħadmu għal aktar snin fl-interess komuni.

Giet mogħtija mportanza mill-appellati ċ-ċirkostanza illi fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' l-omm firmata mill-missier ġew imsemmija bħala rientranti fil-kommunjoni ta' l-akkwisti ż-żewġ depositi li kien hemm f'isem l-appellanti Giovanna Debono u Carmela Debono. Iżda, kif ġa osserva l-Perit Legali, din ma hiex prova kontra l-appellanti. Jista jkun illi Giorgio Debono ħaseb li dawk l-ammonti kienu konferibbli jew, aktarx li ħaseb hekk minn kitiblu d-denunzja, jew li hekk ħaseb l-uffiċċju ta' l-Inland Revenue għal finijiet fiskali. Iżda dan ma jimpedix illi l-Qorti, issa li stemgħu l-provi u ġew aċċertati ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, tasal, kif fil-fatt tħossa kostretta li tasal, għal konklużżjoni diversa. Kif ġa ġie msemmi aktar il fuq l-appellat Spiru Debono kien insista li kulħadd jibda jżomm għalih dak li jaqla biex jekk l-omm jew il-missier imutu "il-Gvern ma jidħolx ukoll fuq dak li kien tagħhom". Issa, kif il-Gvern ma daħalx fuq dak li l-appellati kienu laħqu ġa ġemmgħu għalihom infushom meta mietet l-omm u dawk l-ammonti ma ġewx aggregati ma l-assi tagħha għax kienu **tagħhom** skond l-arranġament li sar, hekk ukoll ma kellhomx jiġu aggregati jew konferiti ż-żewġ depositi taxxebbiet, għax dawn ukoll skond dak l-arranġament kellhom ikunu **tagħhom**.

Ġie wkoll sottomess illi b'dan il-mod l-appellanti jiġu li donnhom qed jitħallsu darbtejn: darba billi jiġu eżentati milli jikkonferixxu l-flus in kwistjoni u darba billi ġew mill-missier preferiti fl-assi tiegħu peress illi ġew istitwiti eredi fil-waqt illi l-appellati huma biss leġittimarji. Iżda dan ir-raġonament hu nfondat. L-ammonti in kwistjoni assenjati lill-appellanti assiguraw illi sa ċertu punt ġiet stabbilita ċerta ugwaljanza relativa bejn l-ulied kollha sa kemm mietet l-omm. Ġa ntqal illi l-appellati bdew jaħdmu għall-rashom u jżommu għalihom dak li jaqilgħu meta l-omm kienet

għada ħajja u huma kienu għadhom id-dar. Inveċe anki ma tul dak iż-żmien l-appellanti baqgħu jaħdmu u jikkonferixxu l-qliegħ kollu tagħhom fil-familja. Il-preferenza magħmula mill-missier fit-testment tiegħu għandha titqies li ġiet magħmula in konsiderazzjoni ta' dak li l-appellati komplew jagħmlu miegħu wara l-mewt ta' l-omm u għaż-żmien kollu ta' ħmistax il-sena li hu dam ħaj warajha. It-tliet bniet baqgħu jgħixu miegħu. Giovanna Debono xehdet: "Missieri qatt ma tagħni xejn tax-xogħol tiegħi u lanqas lill-ħuti". Kif ġa ġie rilevat, Giovanni Debono baqa jagħti anki l-paga kollha tiegħu lill-misieru sa ħames snin wara li mietet l-omm. Il-bniet komplew in-negozzju anki wara l-missier ma baqax jaħdem u kienu huma li kienu jissupplixxu anki għall-bżonnijiet tiegħu u tad-dar. Kien indubbjament għalhekk illi l-missier ħalla lill-appellanti preferiti fit-testment tiegħu fejn iddikjara li hu kien għamel hekk għaliex huma dejjem ħadmu għad-dar u kwalunkwe qliegħ tan-negozzju tawh lilu u lill-mejta martu u għalhekk kien koxjenzjosament iħossu debitur lejhom u li l-parti l-kbira ta' dak likellu kien verament jappartjeni lilhom fil-waqt li l-erba' wliedu l-oħra (ċioe l-appellati) dejjem ħadmu għalihom stess u kwalunkwe qliegħ li għamlu avolja bil-ħila u bilgħajnuna tiegħu żammewh għalihom.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa l-appell fis-sens li tiddikjara illi l-ammonti ta' ħames mitt lira (£500) irċevuti minn kull waħda mill-appellanti Giovanna, Carmela u Antonia Zammit aħwa Debono u l-ammont ta' erba' mitt lira (£400) reċevut mill-appellant Giovanni Debono, fil-ħajja tal-ġenituri tagħhom ma humiex konferibbli fl-assi tal-ġenituri u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata u tordna li l-proċess jiġi rimess lill-Perit Legali ġa nominat mill-ewwel Onorabbli Qorti biex konformement għal din id-dikjarazzjoni jirrevedi l-likwidazzjoni ta' l-assijiet in kwis-

tjoni u l-kalkolu tal-leġittima dovuta lill-appellati mill-ass tal-missier u jissuġġerixxi l-kambjamenti l-oħra kollha konsegwenzjali ta' l-ammonti kif misjuba mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Tirriserva li tipprovdi ulterjorment fuq l-appell wara li l-Perit ikun ippreżenta r-rapport tiegħu.